# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. D. Clarke LL.D.

**Illum 16 ta' Ottubru, 2017**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Roderick Agius)**

**vs**

**Omissis 1**
**Omissis 2**

**Kumpilazzjoni Nru: 316/2017**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra:-

**Omissis 1**

u

**Omissis 2**

Akkuzati talli nhar l-20 ta' Settembru 2015 ghall-habta ta' 18:00hrs gewwa Hal-Qormi u f'dawn il-Gzejjer, volontarjement hassru jew gharrqu hwejjeg

haddiehor mobbli jew immobbli, liema hsara tiskorri il-mija u sittax-il Ewro u sebgha u erbghin centezmu (116.47) ghad-dannu ta' Malta Public Transport u/jew persuni jew entitajiet ohra.

**Lil Omissis 1 wahdu:-**

Akkuzat talli fl-istess, lok, hin u cirkostanzi kellu fil-pussess tieghu l-pjanta cannabis kollha jew bicca minnha.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali mahrug ai termini ta'l-artikolu 370(4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-ordni ta'l-istess Avukat Generali mahrug ai termini ta'l-artikolu 22(2) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta biex dan il-kaz jigi trattat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali bi procedura sommarja.

Rat li l-imputati ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat li l-imputati ammettew l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom u kkonfermaw din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghthom zmien jikunsidraw il-pozizzjoni taghhom.

Rat li l-ufficjal prosekutur u l-parte civile iddikjaraw li l-hsara kkawzata tammonta ghal erbgha mija sebgha u hamsin Euro (€457) liema somma gia thallset mill-imputati.

Rat id-dokumenti esebieti.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputati ammettew l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni min-naha n-natura tar-reati li taghhom qed jinstabu hatja l-imputati, u min-naha l-ohra l-koperazzjoni ta'l-imputati mal-pulizija, l-ammissjoni f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri u l-fedina penali netta taghhom, kif ukoll il-fatt li l-imputati diga ghamlu tajjeb ghall-hsara minnhom ikkawzata.

Ghal dawn il-motivi il-Qorti

Wara li rat l-artikoli 37 u 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u l-artikolu 8(d) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat **Omissis 1** hati ta’l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u ghall-ewwel imputazzjoni b’applikazzjoni ta’l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena, u ghat-tieni imputazzjoni tikkundannah multa ta’ hamsin Euro (€50). U

Wara li rat l-artikoli 37 u 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta fuq ammissjoni ssib lill-imputat **Omissis 2** hati ta’l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u b’applikazzjoni ta’l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena.

Il-Qorti spjegat lill-imputati fi kliem ordinarju l-import ta’ din is-sentenza u x’jigri jekk jikkommettu reat iehor fiz-zmien sena.

In konkluzzjoni, u peress li l-imputati kienu minorenni fiz-zmien tar-reat, il-Qorti qed  tordna d-divjet mill-publikazzjoni ta’isimhom f’kwalunkwe mezz ta’ kommunikazzjoni u/jew stampa.

**DR. DOREEN CLARKE**
**MAGISTRAT**